# Beati u Qaddisin....Ottubru

## SAN MARK, PAPA
## 7 TA' OTTUBRU

San MARK kien Ruman mit-twelid, u serva lil Alla b'tant fervur qaddis fost il-kleru ta' dik il-Knisja, li, avvanza kontinwament fl-umiltà sinciera u l-gharfien u s-sens tad-dghufija u l-imperfezzjonijiet tieghu stess.




Stinka kuljum biex imur 'l quddiem u jikber fil-heġġa tal-karità u fl-ezercizzju tal-virtujiet kollha. Il-persekuzzjoni waqfet fil-Punent, fil-bidu tas-sena 305, izda regghet bdiet ftit taz-zmien wara minn Massenzju. San Mark ma naqas xejn mill-jghasses il-merhla afdata f'idejh, anzi pprova jirdoppja l-heġġa tieghu waqt dak il-periodu qasir ta' paci fil-Knisja; kien jaf tajjeb li jekk xi drabi l-bnedmin jieqfu bil-miftuh jippersegwitaw lill-fidili, ix-xitan qatt ma jhallihom mumenti ta' kwiet, u n-nasses tieghu generalment huma l-aktar li wieħed ghandu jibża' fi żmien il-kalma.

San Mark ha post San Silvestru fis-siggu appostoliku fit-18 ta' Jannar, 336. Huwa zamm dik id-dinjità ghal tmien xhur u għoxrin jum biss, u miet fis-7 ta' Ottubru ta' wara. Kien midfun f'cimiterju fi Triq Ardeatina, li minn dak iż-żmien 'l hawn igorr ismu.

Riflessjoni .—In-Nisrani m'ghandu jibza' mill-ebda ghadu iktar minnu nnifsu, li jgorr dejjem mieghu, u li minnu ma jistax jahrab. Ghalhekk qatt m'ghandu jieqaf jghajjat lil Alla, "Jekk Int, Mulej, ma tkunx id-dawl u l-appogg tieghi, jiena nhares ghalxejn".